MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 336/2010

Kawza fil-lista: 12

***H H***
**vs**
***X P***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Gunju 2008, izda fis-26 ta’ April 2010 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut iddikjara li, filwaqt li hu jaqbel li z-zwieg huwa null, jattribwixxi t-tort lill-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null fil-ligi, fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta r-responsabbilita' ghan-nullita'.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Gunju 2008, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba' snin. Wara konvivenza ta' ftit izjed minn sena, il-partijiet isseparaw de facto, u fis-26 ta' April 2010 iffirmaw kuntratt ta' separazzoni personali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li wara circa tmien xhur fil-konvivenza matrimonjali, il-partijiet bdew jirriskontraw problemi fiz-zwieg taghhom minhabba nuqqasijiet serji da parti tal-konvenut. Tghid li dan kien ihobb hafna l-hbieb tieghu u kien ta' spiss johrog maghhom, a skapitu tal-kumpanija taghha. Kien jixrob hafna, u ta' sikwit kien ikun pastazz maghha. L-attrici tghid li l-konvenut kien mizzewweg lil hbiebu u mhux lilha, ghax dejjem ried ikun fil-kumpanija taghhom. Kien johrog maghhom kuljum u kien jixrob hafna bir-rizultat li kien jigi d-dar fis-sakra.

Tghid li l-konvenut kien bired emozzjonalment fil-konfront taghha, u li s-sess kien isir biss biex jinqeda hu. L-egojizmu tieghu kien jimmanifesta ruhhu anke f' dan ir-rigward. Eventwalment, wara anqas minn sena taz-zwieg ir-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet waqqfu. Hija ppruvat theggeg lill-konvenut imorru counselling, izda minghajr effett pozittiv. Tghid ukoll li l-konvenut kien egojist anke mill-lat finanzjarju.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jghid li l-konvivenza matrimonjali spiccat wara sena u tlett xhur, minhabba li l-partijiet kienu pikuzi; izda jammetti li "kont naqra aggressive maghha." [fol.50]. Jghid li huma kienu jiggieldu ta' spiss, u avolja marru counseling ir-relazzjoni ma tranggatx, tant li wara circa erba' xhur miz-zwieg ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kwazi spiccaw.

Huwa jammetti li l-hbieb u l-kumpanija taghhom kienu mportanti hafna ghalih, u kien johrog maghhom kuljum, u meta l-attrici kienet tiddejjaq, kien iwassalha d-dar u jerga' jmur mal-hbieb. Jispjega "nqum kmieni filghodu, mohhni biss biex nohrog, mohni biss biex niltaqa' mal-hbieb" [fol.53]. Jammetti li hu kien jixrob meta jkun ma' shabu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi rrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, il-konvenut kien affetwat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, li kien ta' ostakolu serju sabiex jibni ma' martu komunjoni ta' mhabba u hajja. Inoltre, kien inkapaci li jassumi l-obbligu li jghix il-hajja konjugali ma' martu, bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat il-qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta’ Gunju 2008.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------